MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1084/2001/1

**Antoine VASSALLO f'ismu u eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' ANTOINE AUTO DEALER**

vs

**Raymond BORG**

## Il-Qorti

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-18 ta' Ġunju, 2001, li bih l-attur nomine ppremetta:

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' elf mitejn u ħamsa u disgħin lira maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (LM1295.99) import ta' dsatax (19)-il kambjala hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti 1 sa' 19 u li data tal-maturita' tagħhom skadiet u dana oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenut għalkemm interpellat iħallas baqa' inadempjenti;

Illi dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u jikkonkorru l-elementi kollha meħtiega biex jiġi dispensat is-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in vista tal-Affidavit hawn anness u markat Dokument "X";

Għalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini ta' Artikoli 167 et sequentia tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u ħamsa u disgħin lira maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm1295.99) import ta' dsatax (19)-il kambjala li d-data tal-maturita tagħhom skadiet u dana oltre l- imgħaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda ta' l-attur;

Semgħet l-Avukat ta' l-atturi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tqis l-ewwel talba, peress li l-kawża ma setgħetx tibqa' tinstama' bil-proċedura sommarja speċjali; **tilqa' t-tieni talba ta' l-atturi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------